32007R0161

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 161/2007

tal-15 ta' Frar 2007

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWOPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.

(3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhijiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Laszlo KOVACS
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1930/2006 (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 9).

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Prodott likwidu bbażat fuq prodotti tal-ħalib iffermentati miżjuda bi steroli veġetali u togħma tal-frott ġejja minn preparazzjoni tal-frott. Il-kompożizzjoni (perċentwali skond il-piż) hija kif ġej: — xiropp tas-sukrożju/glukożju 12,2 — lattożju 2,5 — proteina 2,6 — xaħam 2,2 — steroli veġetali (esteri ta' l-istanol) 3 — il-kontenut tal-grass fil-ħalib inqas minn 0,2 — kontenut ta' l-umdità 76,9 u kwantitajiet żgħar ta' vitamini u preparazzjonijiet ta' aroma (ħwawar) Il-prodott huwa disponibbli f'togħmiet differenti (pereżempju, frawli jew laringè). Il-preparzzjoni tal-frott tikkonsisti minn meraq tal-frott miksub minn konċentrat tal-meraq tal-frott li huwa miżjud bi stabbilizzatur (*pectin*). Il-prodott, li jinstab fi flixkun ta' 65ml, huwa maħsub għal konsum dirett bħala xarba.	2202 90 91	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-kliem tal-kodiċi NM 2202, 2202 90 u 2202 90 91. Minħabba li jista' jinxtorob direttament bħala xarba, il-prodott huwa kopert b'titlu 2202. Il-prodott huwa eskluż minn titlu 0403 għax l-esteri ta' l-istanol mhumiex sustanzi miżjuda mit-tip permess fil-prodotti ta' kapitlu 4, (ara n-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għall-kapitlu 4, Ġenerali, punt (I), it-tieni paragrafu). Il-prodott għalhekk ma jistax jitqies bħala jogurt likwidu, bit-togħma jew li fih frott, ġewż jew kakaw miżjud, ta' titlu 0403. Il-klassifikazzjoni f'titlu 1901 hija eskluża minħabba li l-prodott għandu karatteristiċi ta' xarba ta'Kapitlu 22 (ara n-Nota ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għall-titlu 1901, punt (III), it-tieni paragrafu).
2. Prodott bil-kompożizzjoni li ġejja (perċentwali skond il-piż): — jogurt (kontenut tax-xaħam fil-ħalib 0,1 % skond il-piż) 76 — preparazzjoni aromatizzata ta' l-*aloe vera* 22 — zokkor 2 Il-kulur tal-prodott huwa abjad ħadrani. Il-konsistenza tas-sustanza hija dik ta' jogurt komuni. Jidhru xi biċċiet mill-*aloe vera* f'din is-sustanza. Il-prodott jitqiegħed f'kontenituri ta' 150g.	1901 90 91	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-kliem tal-kodiċi NM 1901, 1901 90 u 1901 90 91. L-*aloe vera* mhijiex frotta ta' kapitlu 8, iżda pjanta ta' kapitlu 6. Għalhekk il-prodott ma jissodisfax il-kriterji tal-kliem ta' titlu 0403. Preparazzjonijiet ta' l-ikel bbażati fuq prodotti tal-ħalib huma eskluži minn Kapitlu 4 (ara n-Nota ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għall-kapitlu 4, Ġenerali, punt(I), l-aħħar paragrafu, punt (a)). Il-prodott huwa klassifikabbli f' titlu 1901 minħabba li fih, minbarra kostitwenti naturali tal-ħalib, ingredjenti oħra ta' tip li mhuwiex permess f'titli 0401 sa 0404 (ara n-Nota ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għal titlu 1901, punt (III), l-ewwel paragrafu).